**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Nutar Peter sive Pierre Falzon, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 535060M**

*Kumpilazzjoni Nru. 167/2010*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Peter sive Pierre Falzon u ċioè talli:

F'dawn il-gżejjer, fis-17 ta' Ottubru, 2007, meta kiteb atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżel pattijiet diversi minn dawk li kienu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kienux;

Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, filwaqt li minħabba l-kariga jew l-impjieg tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, kien fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

> Fl-istess data, lok u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika l-provvediment tal-artikoli 30(1)(a) u 190 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta'spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-3 t'Ottubru, 2012,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikolu 180 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 185(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 30(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
f) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2007, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-16 ta' Frar, 2016.

Illi fit-tieni lok ghandu jigi sottolinejat li din il-Qorti qed tiskarta ghal kollox l-istqarrija tal-imputat u dan fid-dawl ta' gurisprudenza ricenti

[1] Fol.154

minkejja li ma saret ebda ammissjoni minnu. Kif irriteniet l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**[2]:

"Illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata......

Issir riferenza ukoll ghal dak dikjarat mill-Qorti Kriminali[3]:

"........din il-Qorti ma tistax tinjora principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-*iter* tal-proceduri penali fil-qorti, izda fuq kollox ghandu isib applikazzjoni u ghalhekk jigi estiz ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna fejn il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta, il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta'l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita ta'l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn. Dan il-hsieb izda gie mibdul mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza recenti fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** deciza fit-03 ta' Mejju 2016 fejn inghad hekk:

**Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni tagħha, għalkemm ittenni li għadha tal-fehma illi hija interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens.**

U ghalhekk wasslet ghad-decizjoni illi fid-dawl tal-gurisprudenza recenti koncernanti s-sitwazzjoni legali f'Malta qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010:

---

[2] Seduta tal-25 ta' Frar 2016, Appell numru 405/2014. Per Onor Imhallef Dr Edwina Grima.

[3] Decizjoni fuq Eccezzjonijiet Preliminari. Att t'Akkuza 17/2014 fl-**ismijiet Ir-Repubbika ta' Malta vs Ramon Fenech**; 02.06.2016

**"…. il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-istess Konvenzjoni fis-sens li ma nghatatx l-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant mill-pulizija."**

Issa xi ighidu dawn id-decizjoni recenti[4] moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem?

Illi f'decizjoni recenti[5] moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew affermati il-principji generali li ghandhom jigu sewgieti mill-qrati meta inghad:

**"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.**

**The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."**

Il-Qorti iddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kenitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6:

**"60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, *Salduz*, cited above, § 56; *Navone and Others v. Monaco,* 24 October 2013; *Brusco v. France*, October 2010; and *Stojkovic v. France and Belgium*, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; *Yeşilkaya v. Turkey*, no. 59780/00, 8 December 2009; and *Fazli Kaya v. Turkey*, no. 24820/05, 17 September 2013).**

[4] **Mario Borg vs Malta** 37537/13 12/01/2016
[5] **Mario Borg vs Malta** 37537/13 12/01/2016

**61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).**

**62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).**

**63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.**"

Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni Salduz vs Turkey kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque[6] ighid hekk fl-opinjoni tieghu:

**"the interpretation of *Salduz* by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". .... Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of *Salduz*."**

Imbaghad fil-kawza Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine (13.06.2014) gie deciz: **–**

**"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter**

[6] Vide partly concurring and partly dissenting opinion of Judge Pinto De Albuquerque fid-decizjoni **Mario Borg vs Malta**

**to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance."**

Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta'l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xortwahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3)[7] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.

**"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.**

**32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see *Salduz*, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.**

**33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see *Salduz*, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, <u>notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody</u>."** (sottolinjar tal-Qorti)

[7] **Dayanan vs Turkey** – 7377/03 deciza 13/10/2009

Fil-fatt fid-decizjoni Brusco vs Franza[8] gie deciz:
**"La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des procès-verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."**

Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta[9] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:

**".... it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose.""**

Illi l-**Ispettur Angelo Gafa** spjega kif Joseph Cassar kien allega frodi minn certu Alan Jones Briffa bil-komplicita` tal-imputat meta sar konvenju fuq xiri ta' nofs ix-*share* ta' B. Kam Holdings Limited f'propjeta` is-Swieqi; il-kumpanija kienet tappartjeni lil Jones Briffa. Il-kuntratt tal-konvenju kien iffirmat quddiem l-imputat fl-24 ta' Marzu, 2004, fejn Cassar u martu kienu qabblu li jixtru nofs is-sehem f'din il-propjeta` tal-kumpanija u

---

[8] 1466/07 – 14/10/2010 The Court also notes that it does not follow either the file or the minutes of evidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above). The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention.
[9] 02/07/2015 – 34373/13

propjeta` ohra f' Bormla. Il-konvenju sar fuq Lm38,000 u minnhom thallsu LM3,800 fid-data tal-konvenju.[10] Fil-5 t'April, 2004,[11] gie ffirmat kuntratt iehor quddiem l-imputat fejn Cassar kkancella il-ftehim precedenti fir-rigward tal-propjeta` f'Bormla izda zamm dak in-nofs sehem li l-kumpanija ta' Jones Briffa kellha fil-propjeta` fl-Swieqi. B'hekk il-prezz gie ridott ghal Lm19, 500.

Bejn Jannar u Frar, 2005, Cassar hallas lil Jones Briffa il-bilanc dovut u cioe` LM15, 700 fi flus kontanti wara li kien gie assigurat mill-imputat li kienu saru r-ricerki u li kollox kien sew. F'Marzu 2005, kien ghadda xi ammonti ohrajn lil Jones sabiex isir xi xoghol iehor u flimkien marru ghand l-imputat biex jirregistraw ipoteka fl-ammont ta' LM35,000 fejn biha Briffa Jones kien sar debitur ta' Cassar. F'Awissu, 2008, Cassar skopra li fis-17 t'Ottubru, 2007, l-ipoteka kienet giet registrata fuq l-ammont ta' LM3,506 u mhux LM35,000. Cassar insista li l-imputat qatt ma kien ghaddielu kopja tal-kostituzzjoni ta' debitu li kien sar fl-ufficju tal-imputat.[12] **Tali kopja kien irnexxilu jakkwista biss f'Ottubru, 2009,** qabel ma saru r-rapport mal-pulizija; fil-kopja kif inghatatlu, deher li l-kostituzzjoni ta' debitu kien sar fit-28 ta' Settembru, 2007. Cassar allega li fid-dokument ta' kostituzzjoni ta' debitu, filwaqt li l-kliem tal-ammont kienu dawk ta' *"hamsa u tletin elf Lira Maltin"*, hdejn l-ammont bhala figura kien hemm mnizzla figura ohra bil-lapes ta' tlett elef hames mija u sitt Lira Maltin (LM3,506).

Illi wara li rrizulta li fuq il-propjeta` fis-Swieqi kien hemm registrati ipoteki minkejja li suppost saru r-ricerki mill-imputat, Cassar biegh il-propjeta` lil terzi b'kuntratt tal-10 ta' Settembru, 2008, ghal LM17,000. Cassar hass li kien gie ffrodot minn Jones Briffa bil-komplicita` tal-imputat peress li kieku kien konsapevoli mill-fatt li kien hemm dawn l-ipoteki qatt ma kien ser jasal ihallas dawk il-flejjes. Cassar zied li n-nutar Pierre Falzon kien intenzjonalment agixxa fl-interessi ta' Alan Jones Briffa billi rregistra ipoteka fl-ammont ta' LM3,506 minflok LM35,000.[13]

Illi ricerki li saru mar-Registru Pubbliku zvelaw li fiz-zmien li suppost saru r-ricerki minn Falzon, il-propjeta` in kwistjoni kienet koperta minn

---

[10] Fol.20
[11] Fol.31
[12] Fol.21
[13] Fol.22

tlett ipoteki a favur l-HSBC. Irrizulta li l-kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' LM3,506 f'isem B.Kam Holdings Ltd. kien gie registrat fis-17 t'Ottubru, 2007. Cassar innega li kien talab lil Falzon jirregistra l-ipoteka fuq ammont tant baxx meta l-ammont versat minn Cassar kien ta' LM35,000.

Illi gie esebit id-dokument ta' kostituzzjoni ta' debitu[14] minn fejn jirrizultaw kliem ***"hamsa u tletin elf liri Maltin (LM35,000)"*** u l-figuri bil-lapes "**3506".** Il-Qorti tistaqsi ghaliex **filwaqt li d-dokument shih inkluz il-parti dwar il-konsiderazzjoni kien redatt bit-tipa stampata, il-parti tal-prezz thalliet vojta. F'dan id-dokument hemm dikjarat li l-ammont kien *"rapprezentanti prezz ta' propjeta` fuq konvenju bejn il-partijiet gia mhallsa",*** liema dokument sar quddiem l-imputat fit-28 ta' Settembru, 2007. Gie esebit ukoll id-dokument li permezz tieghu giet registrata ipoteka fuq id-dejn koncernat bin-numru 18961/07.[15]

Mill-ewwel tqum il-mistoqsija: Possibli li Cassar, bniedem fin-negozju, ma ndunax li d-dokument li li kien qed jiffirma fih dikjarati zewg ammonti, "3506" u "Lm35,000"? U dan meta kien fl-interess tieghu li jikkonferma dak l-ammont li tieghu kien ser ikun kreditur!

Illi **Joseph Cassar**, il-parte leza, xehed kif fl-2004 kien ser jixtri nofs indiviz fuq propejta` fi Triq il-Ghajn, Swieqi, minghand certu Alan Briffa li kien qed jinnegozja din il-propjeta` ghan-nom tal-kumpanija B.Kam Ltd.[16] Briffa kien qallu li kellu hafna ricerki gja lesti ghand l-imputat u kien ghalhekk li qabel li jmorru ghandu. Spjega kif ghall-ewwel kien sar konvenju fuq zewg propjetajiet izda wara wahda minnhom, f'Bormla, giet kancellata. Dakinhar tal-konvenju hallas LM3,800 *cash* akkont direttament lil Alan Briffa u wara li gie kkancellat il-bejgh dwar il-propjeta` ta' Bormla, il-prezz li kien qed jintalab minn Briffa kien ta'LM19,000 – LM19,500. Briffa kien qed jiffittah biex jithallas izda hu kien anzjuz li r-ricerki li kellu jaghmel l-imputat isiru biex hu jkollu garanzija. *"Jiena bdejt nistaqsi lin-nutar ir-ricerki humiex in order u n-Nutar dejjem serrahli rasi, qalli: 'Serrah rasek Joe ghax l-affarijiet qeghdin sew' u tlabt ipoteka."*[17] Il-konvenju kien iggeded darbtejn sakemm saru ir-ricerki izda meta *"in-Nutar serrahli suppost rasi li l-affarijiet kienu sewwa jien iddecidejt li dawn il-flus inhallashom"* lil Briffa. **Hallas LM19,500 qabel ma kien sar il-kuntratt finali.** Ghalhekk

---

[14] Dok.AG2 a fol.41
[15] Fol.53
[16] Fol.79
[17] Fol.81-82

kienet saret ipoteka li skond ix-xhud saret fl-2005 wara li kien diga igedded darba qabel ma sar il-konvenju izda wara kien skopra li din l-ipoteka baqghet ma gietx registrata f'dik is-sena!

Cassar spjega li sar jaf b'dan wara li gie nfurmat, minn persuna li kien jirrisjedi fuq il-propjeta` li kien xtara, li dik il-propjeta` kienet ser tinbiegh b'subbasta. Meta kien tkellem ma Dr. Dorianne Rapa hi kienet infurmatu li **ma kien hemm ebda ipoteka ghal LM35,000 izda wahda ghal Lm3,500**.[18] Il-parte leza jichad li kien ra il-kostituzzjoni ta' debitu esebit in atti – Dok. AG2 *"Din ma nafx li saret jien"* u dwar l-ammont ta' Lm3,506 indikat ***"Tliet elef hames mija u sitta (3,506), ma nafx minn fejn gabhom dawk."***[19] Jghid li l-ipoteka ma saritx fl-2007 ghax kien imur ghand in-nutar sabiex igedded il-konvenju biss *"Ingeddu biss konna ahna"*.[20] Sussegwentement fl-2008 kienet saret ipoteka ta' €81,000 rapprezentanti LM35,000 u dwar dan id-dokument[21] jghid li mhux minnu li ffirmah fi Strada Stretta, kif jinghad fid-dokument innifsu, izda l-bank *"Din jigifieri ma saritx fi Strada Stretta, din iffirmajtha jiena….Tefali l-karti quddiemi qalli biex niffirmahom u jien iffirmajthom"*.[22] Din l-ipoteka kienet giet registrata bin-numru 15978 tal-2008.[23]

Illi x-xhud jiddeskrivi kif l-imputat kien riluttanti li jghaddilu d-dokumenti. Kien mar l-ufficju tieghu fejn talab id-dokumenti rigward l-ipoteka. Gara izda li l-haddiema tieghu rrifjutaw li jaghtuh kopja. Ghalkemm id-dokument rilevanti kienet instab l-imputat kien ta struzzjonijiet biex il-karta ma tintelaqx minn idejn dik l-impjegata qabel ma tiltaqa' mieghu. *"Meta rajt* ***hekk jiena tlabtha l-karta biex naghtiha daqqa t'ghajn l-ewwel jiena u meta tajt daqqa t'ghajn il-karta mill-ewwel innutajt li kienu bil-lapes u rajtha li kienet daqxejn bazwija*** *….u ma riditx titlaqha minn idejha u jiena kont ghidtilha li niltaqa hin iehor maghha, difatti konna ltqajna isfel fir-Registru tal-Qorti. U ghidtilha li sa tmur biha ara ma jbaghbasiex, imma* ***meta giet lura biha l-karta kienet imbghabsa"***. Jindika li meta ra d-dokument l-ewwel darba kien hemm biss il-figura **3506 bil-lapes** izda meta giet lura bil-karta ***"Innutajt li saru hamsa u***

[18] Fo.88
[19] Fol.87
[20] Fo.88
[21] Fol.55
[22] Fol.89-90
[23] Fol.54

***tletin elf…jidhirli bil-pinna kienu"***.[24] Madanakollu u peress li baqa' jittama li l-affarijiet kienu ser jirrangaw ma ghamilx rapport mal-pulizija mill-ewwel. In kontro-ezami jirrizulta li ghalkemm hu kien talab l-ipoteka tkun fuq LM35,000 b'kollox hu kien ta lil Briffa xi LM27,000.[25] Dan l-ammont kien jinkludi il-prezz tal-propjeta ta' LM19,000 u ammonti ohra ghall-appalt li kien inkarigat jaghmel Briffa Jones.

Illi saret valutazzjoni tal-propjeta` in kwistjoni u cioe` dik Nru.25 Triq il-Ghajn Swieqi fejn giet stmata ghal €140,000 (LM60,000) fl-2005[26] u ma kien hemm ebda varjazzjoni fil-valur bejn l-2005 u l-2007. Il-garage sottopost ghal dik il-propjeta` kien gie stmat ghal €35,000 (LM15,028).[27]

Illi **Paul Callus**, Nutar tal-Gvern, xehed kif fiz-zmien li sehhew ir-reati addebitati lilu, l-imputat kien qed jezercita l-professjoni ta' Nutar.[28] Sal-2012 kien ghadu jezercita dik il-professjoni. Callus esebixxa l-kuntratt originali ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-28 ta' Settembru elfejn u sebgha (2007).[29]. Jigi sottolinejat li fid-dokument ta' kostituzzjoni ta' debitu kif insinwat jidhru fi kliem u anke b'figuri *"hamsa u tlettin elf Liri Maltin (LM35,000)"*.

Illi **Dr. Stephanie Pappalardo,** Direttur Generali tar-Registru Pubbliku u Artijiet, esebiet kopja ta' insinwa numru 18961 registrata nhar is-17 t'Ottubru, 2007, fejn l-ammont hu dak ta' LM3,506.[30] Jirrizulta li n-Nutar risponsabbli ghal dik l-inswazzjoni kien l-imputat.

Illi d-dokument ta' kostituzzjoni ta' debitu mghoddi mill-parte leza lill-pulizija u dak insinwat huma **identici**. Jirrizulta li hu minnu li propjeta` li kien xtara kienet ser tinbiegh b'subbasta kif juri d-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Lulju, 2007.[31] Mill-banda l-ohra l-ipoteka giet registrata nhar is-17 t'Ottubru, 2007. Lill-pulizija Cassar kien

[24] Fol.91-92
[25] Fol.99
[26] Fol.143
[27] Fol.144
[28] Vide NG1-NG2; fol.100 et seq
[29] Fol.115 et seq. Dok. PC a fol.118
[30] Fol.107 et seq. Dok. NG3
[31] Fol.58

gharrafhom li hu sar jaf bil-bicca li kienet giet registrata ipoteka ghall-ammont inqas f'Awissu, 2008.[32]

Ghalhekk tenut kont li d-**dokument li gie mghoddi Cassar u dak insinwat huma ghal kollox identici,** u galadarba l-ipoteka giet registrata sena qabel (f'Ottubru 2007), u Cassar gie mghoddi l-imsemi dokument f'Awissu 2008, kif jista jkun li kienu mizjuda il-kliem *"hamsa u tlettin elf Liri Maltin (LM35,000)",* dakinhar li mar jigbor l-istess dokument?

Illi l-imputat **Pierre Falzon** ghazel li jixhed. Spjega li sar kuntratt ipotekarju sabiex Cassar ikun **kopert** fuq il-flus li kien qed johrog.[33] Meta mistoqsi dwar l-ammont li saret il-kostituzzjoni ta' debitu dwaru jghid *"Xi tliet elef le? Tletin elf skuzani xi tletin elf, u dan kien biex kif ghidt l-ewwel jikkoverja l-ispejjez li kien qed johrog is-Sur Cassar, u jigifieri sa dakinhar kont irregistrajt xi hamest elef Lira minnu jiena, u meta l-HSBC biegh il-propjeta' lil terzi persuni filfatt is-Sur Cassar kien thallas xi hamest elef jew xi haga zghira fuqhom li niftakar."*[34] Jispjega ***"il-hamsa u tletin elf Lira Maltin ma kinux qed jiggarantixxu l-konvenju,*** *l-konvenju kien registrat regolarment, ovvjament kien hemm ipoteki li kellhom jigu waived pero dan kwalunkwe kuntratt li taghmel ikun hemm l-ipoteki, it-35,000 ahna nizzilnihom bhala ceiling biex hu u johrog il-flus is-Sur Cassar inkun nista' dejjem inzid l-ipoteka.".* Falzon jiddikjara li l-kostitzzjoni ta' debitu saret fuq LM35,000 ***"Ghax qablu l-partijiet li jaghmluha fuq 35,000....[Briffa] Kien qed jiddikjara hekk pero ma kinitx l-intenzjoni tieghu hekk....*** *meta ghamilna l-kostituzzjoni ta' debitu Briffa ma sab l'ebda oggezzjoni jaghmilha 35, nahseb kieku s-Sur Cassar qallu ghamilha 40 kien jaghmilha 40,* ***pero flus ma kienux fir-realta' at that time dovuti.*** *Filfatt jekk tara l-original tal-kuntratt fil-margin meta rregistrajna l-ewwel wahda kien hemm miktub ammont ma nafx kemm ezatt kemm kien imma naf li kien hemm xi haga tal-Perit u kien hemm xi haga jew tat-twaqqih jew ta' xi construction zghira, jigifieri s'hemmhekk konna wasalna at that point"*[35]

L-imputat jikkonferma li l-kostituzzjoni ta' debitu sar peress li Cassar ried jikkawtela l-flus li kien qed ihallas fil-kostruzzjoni u kien ghamel ipoteka fuq LM3,506 in konsiderazzjoni ta' xi kont tal-perit kif ukoll ghall-xoghlijiet ta' demolition/construction tal-garaxx.[36] Mistoqsi mill-Qorti x'

[32] Fol.21
[33] Fol.166
[34] Fol.167
[35] Fol.170-171
[36] Fol.173

differenza kienet ser taghmillu jekk minflok Lm3,506 insinwa LM35,000 *"Lili ma kienet taghmilli differenza xejn."*.[37] L-imputat ikompli jispjega b'mod konvolut li l-partijiet accettaw li l-kostituzzjoni ta' debitu issir fuq LM35,000 u ma kienx ippreparat jindika l-ammonti li Cassar ma kienx ghadu nefaq!

Din iddikjarazzjoni tal-imputat ma taghmel ebda sens; iktar u iktar meta fid-dokument hekk kif insinwat wara il-figuri ***3,506*** hemm miktuba l-kliem ***"Hamsa u tlettin elf liri Maltin (LM35,000)"*!** Allura xi skop kellu in-nutar li jikteb haga kontradittorja? Il-kostituzzjoni ta' debitu li jgib id-data tat-28 ta' Settembru, 2007 hi cjara f'dak li tipprovdi ghalih: *"a favur tal-komparenti Joseph Cassar li jaccetta l-ammont ta' 3506 hamsa u tlettin elf liri maltin (LM35,000)* ***rapprezentanti prezz ta propjeta` fuq konvenju bejn il-partijiet gia mhallsa"*.**[38]

Ghaliex din il-konfuzjoni deliberata da parti tan-nutar Falzon? Ma jridx jintnesa li l-kostituzzjoni ta' debitu issemmi u tindika f'figuri zewg ammonti: 3,506 u Lm35,000! L-imputat in kontro-ezami ma joffri ebda spjegazzjoni ghaliex galadarba kien hemm qbil bejn Briffa Jones u Cassar ghall-kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' Lm35,000 madanakollu hu ddecieda li l-ipoteka kellha ssir fuq Lm3506 biss.[39]

Jigi osservat li anke jekk ghall-grazzja tal-argument jigi emnut l-imputat li l-ipoteka kienet qed issir gradwalment fuq ammonti zghar,[40] dan ir-ragunament ma jaghmel ebda sens! Il-logika u s-sens kommun jitlob li galadarba kien qbil fuq *capping* ta' LM35,000, il-kostituzzjoni ta' debitu insinwat ikun fuq dak l-ammont u maz-zmien dak l-ammont kif ipotekat jibda' jitnaqqas u mhux bil-kontra fejn hekk Cassar baqa' skopert meta kien gja hallas mas-LM27,000[41] inkluz il-prezz tal-propjeta` LM19,500.[42] Hekk zgur Cassar kien qed jithalla **skopert**!!

## L-Ewwel Imputazzjoni: Tibdil b'Qerq f'atti maghmul minn ufficjal pubbliku

[37] Fol174

[38] Fol.118

[39] Dok. NG3 a fol.109

[40] Xhieda imputat a fol.170: *"it-35,000 ahna nizzilnihom bhala ceiling biex hu u johrog il-flus is-Sur Cassar inkun nista' dejjem inzid l-ipoteka".*

[41] Fol.97

[42] Fol.81

Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid dan dwar dak li llum hu l-artikolu 180 tal-Kodici Kriminali, r-reat ravvizat bl-ewwel imputazzjoni:[43]

The ingredients of this crime are:

(a) the status of public officer or servant in the agent;
(b) the falsification must concern an act falling within his official duties;
(c) the falsification must be in the manner specified in the section, so as fraudulently to alter the substance or the circumstances of the act.

There is alteration of the substance of an act when this as a whole expresses, on account of the forgery, something different from the truth, e.g. the parties wanted to contract a sale, but the notary writes down a donation; the parties intended to have a power of attorney to receive an annuity, but the notary draws up a power to assign the same.

There is alteration of the circumstances when the falsification refers to some particular part only of the act: e.g. the notary draws up the will which is dictated to him by the testator, but adds or omits a legacy. Here the essence, the nature of the act is true, but there is falsification of a particular part of it. Important 'circumstances' of an act may also be the date on which and the place where it was received.

It is of course to be noted that in respect of the 'circumstances' to which the falsification refers, there is a complete alteration of the truth and that, therefore, though the forgery relates only to one or more particulars, the intention of the testator or the will of the parties is, to that extent, betrayed.

From this it must be concluded that such particulars must in fact be falsified for the substance of this crime but when they are of such negligible importance that they do not affect the true intention or purpose of the parties, the crimes under this section would not arise.

The alteration must be done fraudulently....... this does not imply the requirement of 'praeiudicum alterius' nor that the public officer shall have committed the act for private gain.....

Fraudulently here, means maliciously, deliberately, wilfully, and it has been added because.... it is possible that the substances or the circumstances of the act be altered in good faith, by inadvertence, by misapprehension, by mere negligence.

The alteration of the substance or the circumstances of the act, to constitute this crime must be made:

(a) by inserting any stipulation different from that dictated or drawn by the parties; or

[43] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p.172 et seq.

(b) by declaring as true what is false or by declaring as an acknowledged fact a fact which is not so acknowledged.

A public officer (e.g. a notary) in drawing up an act in the course of his duties is not necessarily bound to adopt precisely the same words and expressions used by the parties. The use of different words and expressions may not inoften be imposed by the necessity of making clear the sense of the disposition, covenant or declartion of a testator, a party, or a declarant. It is only when the matter stated in the act misrepresents or dissemble the true position so as fraudulently to alter the substances or the circumstances of the act, that the crime will arise.

Regarding the other manner of committing this forgery, a public officer in drawing up an act discharges generally a two- fold function. In respect of certain facts he renders himself a direct witness in decalring their truth, as for instance, the day or the place when or where the act is executed, the person at whose request the act is made…. In respect of other facts he is merely a sort of interpetor or draftsman, registering them in the act not as observed or verified by himself, but as declared or dictated to him by the parties.

Now as to the first group of facts, the untruth may constitute forgery if it involves an alteration of the substance or the circumstances of the act; but as to the second group of facts, if the untruth is in the statements of the parties, even though it may affect the substance of the act, it cannot constitute forgery, because the act being precisely destined to represent that which was declared or stated by the parties, in fact corresponds to the truth in so far as it reproduces what was said or stated by such parties…… In appropriate circumstances the untruthful assertions of the parties may give rise to a crime of fraud:

"La simulazione, la falsita` interiore potra` nei congrui casi, far sorgere il titolo di frode o truffa: mai quello di falso" (Majno, op.cit.para 1301)"

Dwar l-ewwel kwezit l-artikolu **2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:**

In-nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati li jirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.

Ghall-finijiet sabiex jigi determinat giex soddisfatt it-tieni rekwizit issir riferenza ghas-sentenza moghtija fil-konfront tal-istess imputat fejn il-Qorti ezaminat d-dmirijiet tal-kariga ta' nutar:[44]

[44] **Il-Pulizija vs Peter k/a Pierre Falzon**; Qorti tal-Magistrati (malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Consuelo Pilar Scerri Herrera, deciza 16 ta' Gunju, 2016; ***Kumpilazzjoni Nru: 551/13***

Jekk nutar jassumi inkarigu u jaghmel dak ix-xoghol mistenni minnu, w dan ikun konness ma' xi inkarigu addizzjonali, kif kien f'dan il-kaz (u cioe' li jghaddi l-flus minnu migbura), in-nuqqas li jaghmel dak minnu mistenni huwa kbir u dan ghaliex zgur li tali azzjoni ma tkun qatt wahda prevista. Fil-fatt il-gurista **Carnelluti** spjega l-importanza tal-professjoni notarili u jghid li, "*tanto piu notaio, tanto meno giudice*", cioe' li iktar ma n-nutar iwettaq dmirijietu tajjeb, inqas hemm htiega li wiehed jirrikorri quddiem il-qrati. kif ipproceda n-nutar ta lok biex ix-xerrejja sofrew pregudizzju kbir hafna. Fit-twettiq ta' obbligazzjonijiet li huma inerenti ghall-attivita' professjonali tieghu, nutar hu tenut li josserva grad partikolari ta' diligenza li hu superjuri ghal dak tal-persuna medja.

Il-Qorti ta' Cassazione Italiana fil-kaz numru 14934 datat 22 ta' Ottubru 2002 stqarret li:-" *in linea di principio va osservato che il notaio richiesto di una prestazione professionale assume gli obblighi derivanti dall'incarico conferitogli dal cliente e, quindi, fanno parte dell'oggetto della prestazione d'opera professionale, anche quelle attivita' preparatorie e successive, necessarie perche' sia assicurata la serieta' e certezza dell'atto giuridico da rogarsi ed in particolare la sua attitudine ad assicurare il conseguimento dello scopo tipico di esso e del risultato pratico voluto dalle parti dell'atto*".

Jibqa ghalhekk sabiex jigi kkunsidrat l-ahhar element u cioe` jekk saritx xi falsifikazzjoni mill-imputat, liema falsifikazzjoni, kif ravvizata f'dan l-artikolu tinkwadra ruhha fil-falz materjali u mhux idejologiku kif tikkontendi d-difiza.

Illi kwalunkwe falsifikazzjoni li setghet giet maghmula certament ma sehhitx fis-17 t'Ottubru, 2007. Dik hi d-data meta giet insinwata l-kostituzzjoni tad-debitu! Kien fit-28 ta' Settembru, 2007, id-data li jidher li gie maghmul il-kostituzzjoni ta' debitu li l-imputat jista' jinghad li biddel bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi dawk il-pattijiet kif diversament iddettati jew magħmula mill-partijiet, *inter alia*, mill-parte leza Cassar. Kien biss dakinhar li hu ddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kienux.

Madanakollu jibqa' l-fatt li l-kostituzzjoni ta' debitu tindika mhux semplicement **"3506"** izda ukoll dak li Cassar stess jammetti kienet il-vera intenzjoni u ftehim tal-partijiet u cioe' ***"Hamsa u tlettin elf liri Maltin (LM35,000)".*** Ghalhekk kif qatt jista' jinghad li kien twettaq xi qerq mill-imputat? Fil-fatt l-artikolu 28(1)(e) tal-*Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta,* jipprovdi:

Kull att nutarili għandu jkun fih....
(e) **miktubin**, għall-anqas **għall-ewwel darba, bi kliem sħiħ**, id-dati, **is-somom ta' flus**, l-ammonti u l-kwantità ta' ħwejjeġ li dwarhom isir l-att;

Minn dan jirrizulta cjar li **huma l-kliem li jiddeskrivu is-somma,** u b'konsegwenza f'kaz ta' disprepanza bejn il-kliem u l-figura, **jirbah dak kif miktub bi kliem**! Ghalhekk minkejja nuqqasijiet professjonali w etici li setghu mmotivaw il-mod konvolut u kontradditorju li bih sar id-dokument ta' kostituzzjoni ta' debitu, **dakinhar tat-28 ta' Settembru, 2007, il-kostituzzjoni ta' debitu saret ghal LM35,000**. Dan ifisser li effettivament hawnhekk l-imputat kien qed jirriproduci fedelment dak li l-parte leza kien inkarigah jaghmel.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ma tista qatt tinstab htija dwar din l-ewwel imputazzjoni.

<u>**It-Tieni Imputazzjoni: Ghoti ta' Dikjarazzjonijiet jew Certifikati Foloz**</u>

It-tieni imputazzjoni hi dik ravvizata bl-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali.

Din l-imputazzjoni tirrikjedi li jigi pruvat li (i) ufficjal pubbliku (ii) minħabba l-kariga jew l-impjieg tiegħu (iii) kien fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, (iv) għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz.

Diga saret riferenza ghad-disposizzjoni tal-Artikolu 2(1) tal-Att fejn nutar jitqies li hu ufficjal pubbliku.

Dwar it-tieni u t-tielet rekwiziti mhemmx dubbju li l-obbligu li jirregistra ipoteka kien jaqa' fil-qadi ta' dmirijiet l-imputat. Fl-artikolu 50 tal-Att hemm provdut:

50. (1) In-nutara għandhom, fi żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol mid-data tal-att, jagħtu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku nota -
(*a*) tal-atti fost il-ħajjin li jittrasferixxu l-proprjetà ta' immobbli jew jeddijiet irjali fuq dik il-proprjetà;

Imbghad l-artikolu 52 tal-istess Att jipprovdi:

**52.** (1) Minkejja li jkun hemm ftehim kuntrajru, kull nutar għandu jiskrivi fir-Registru Pubbliku, fi żmien xahar mid-data tal-att relattiv, kemm-il darba ma jkunux diġà ġew iskritti fuq talba ta' persuni oħra kull ċessjoni, surroga, tnaqqis jew tħassir ta' ipoteka jew privileġġ, iżda f'każ ta' dejn privileġġjat li għadu ma ġiex irreġistrat it-terminu speċifikat f'dan is-subartikolu jibda jgħodd mid-data tarreġistrazzjoni ta' dak l-att.

Dwar l-ahhar rekwizit **gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li meta Falzon insinwa ipoteka fuq ammont differenti minn dak indikat bi kliem kif ukoll ghall-konsiderazzjoni differenti minn dak indikat fuq l-att ipotekarju, hu ghamel dikjarazzjoni falza.**

Illi galadarba l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu jindika bi kliem l-ammont tad-debitu, kien dan l-ammont li fuqu kellha tigi insinwata l-ipoteka! Altru li n-nutar kien familjari mal-obbligi naxxenti mill-professjoni tieghu senjatament f'dak li jirrigwarda l-formalitajiet rikjesti dwar atti nutarili!

Illi meta wasal jinsinwa ammont differenti minn dak li fl-att anness u relattiv hu indikat daqstant kjaramanet bi kliem ta ***"hamsa u tletin elf lira Maltin (LM35,000)"*** hu effettivament wasal biex jaghmel dikjarazzjoni falza u jiccertifika l-falz.

Izda il-falsita` ma tolqotx biss l-ammont biss izda aktar importanti, **l-konsiderazzjoni** kif stipulata fl-att ipotekarju.

Dan jirrizulta manifestament meta fix-xhieda tieghu kemm il-darba jaghmel riferenza ghall-fatt li hu **kien konxxju tal-fatt li l-ammont ta' LM35,000 ma kienux kif dikjarat fil-kostituzzjoni ta' debitu u kif repetut fid-dokument ipotekarju.** Fil-fatt f'dawk l-atti hemm specifikat li -

*a).* fl-att ta' kostituzzjoni ta' debitu: *"3506 hamsa u tlettin elf liri maltin (LM35,000)* ***rapprezentanti prezz ta propjeta` fuq konvenju bejn il-partijiet gia mhallsa****";*[45] u
b). fl-att ipotekarju: *"Is-somma ta' tlett elef hames mija u sitt liri Maltin (LM3,506) kostitwiti b'debitu b'att tieghi tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) liema* ***somma tirrappresenta prezz ta' propjeta` mhallsa fuq konvenju*** *bejn il-kreditur u l-kumpanija debitrici u* ***restitwibbli dina l-istess somma****"*[46]

Minkejja li l-imputat kien jaf li Cassar kien gja hallas LM19,500,[47] prezz tal-propjeta` li kienet oggett tal-konvenju, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti diversament preseduta, **kompla jikkonferma kemm dak li kien gie dikjarat fl-att ipotekarju kien il-falz u ghal kollox inveritjier:**

---

[45] Fol.118
[46] Dok. NG3 a fol.109
[47] Fol.31 u fol. 172

*Dr Buttigieg: Jekk inti l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien ghal hamsa u tletin elf Lira Maltin kif qed tghidli li l-ipoteka ma kellix ghalfejn tigi registrata fuq l-ammont..*

*Xhud: Ghax kif spjegajt qabel **il-hamsa u tletin elf Lira Maltin ma kienux qed jiggarantixxu l-konvenju,** l-konvenju kien registrat regolarment, ovvjament kien hemm ipoteki li kellhom jigu waived pero dan kwalunkwe kuntratt li taghmel ikun hemm l-ipoteki, it-35,000 ahna nizzilnihom bhala ceiling biex hu u johrog il-flus is-Sur Cassar inkun nista' dejjem inzid l-ipoteka.*

*Dr Buttigieg: Mela ara naqblux is-Sur Cassar kien qed jaghmel ix-xogholijiet fuq din il-propjeta' li kienet ghadha taht konvenju u kien ghamel b'35,000 Lira Maltin..*

*Xhud: Le kien ghadu m'ghamilhomx meta ghamilna l-ipoteka.*

*Dr Buttigieg: Mela inti kif il-kostituzzjoni ta' debitu kienet fuq 35,000?*

*Xhud: Ghax <u>qablu l-partijiet li jaghmluha fuq 35,000</u>.*

*Dr Buttigieg: Issa la kien hemm kostituzzjoni ta' debitu fuq 35,000 naqblu li mela Briffa kien qed jiddikjara li huwa debitur ta' 35,000 Lira Maltin permezz tal-kostituzzjoni ta' debitu?*

*Xhud: **Kien qed jiddikjara hekk pero ma kinitx l-intenzjoni tieghu hekk**.[48]......*

*Xhud: .....Briffa ma sab l'ebda oggezzjoni jaghmilha 35, nahseb kieku s-Sur Cassar qallu ghamilha 40 kien jaghmilha 40, pero **flus ma kinux fir-realta' at that time dovuti.[49]......***

*Dr Buttigieg: Mela issa naqblu li l-ammont li kien hallas is-Sur Cassar **b'kollox kien hafna iktar minn tliet elef Lira Maltin.***

*Xhud**: Ehe le le skond x'qed tghidli x'hallas, jekk hallas il-flus biex xtara l-propjeta' nghidlek iva**.[50] ....*

---

[48] Fol.170
[49] Fol.171
[50] Fol.172

*Dr Buttigieg: Imma dawn kienu ghax djun li kienu diga', dawn kienu fuq spejjez u djun li kien diga' hareg is-Sur Cassar.* ***Ara jekk naqblux dik il-kostituzzjoni ta' debitu kienet saret effettivament ghax is-Sur Cassar kien qed johrog ammonti ta' flus fil-kostruzzjoni u ried dak l-ammont ta' flus li hareg ried li jikkawtelah bil-kostituzzjoni ta' debitu****.*

*Xhud:* ***Iva appuntu****. Hekk hu r-raguni filfatt talli s-Sur Cassar kien qed johrog il-flus ghamilna dik l-ipoteka sewwa? U kellhom jghiduli kemm ha jitla' jitla' jitla' imma dan ifhimni bniedem tarah illum u forsi tarah tliet xhur wara. Jiena jekk ma jghidlix hares kabbar l-ipoteka ghax infaqt ghaxart elef ohra jien ma kontx inkun naf.*

*Dr Buttigieg: Inti ghaliex fil-kostituzzjoni ta' debitu dejjem nizzilt bil-lapez u ghamilt notamenti fuq tliet elef hames mija u sitt Liri Maltin mentri l-ammont li kienu qed jghidulek il-partijiet kien dejjem ta' 35,000 Lira? X'kienet ir-raguni minn fejn giet 3506? Dan minn fejn gie dan l-ammont?*

*Xhud:* ***3506 gie kien hemm xi kont tal-Perit u xi demolition u xi construction minghalija tal-garaxx jekk niftakar sew****.*[51]

*Qorti: Imma Nutar sekonda ftit. Jekk inti ghandek kostituzzjoni ta' debitu ta' 35,000 miktub, x'differenza kienet taghmillek li nsinwajt dawk il-35,000?*

*Xhud: Lili ma kienet taghmilli differenza xejn.*

*Qorti: U ghaliex ghamilt hamsa minflok, din li rrid inkun naf.*

*Xhud:* ***<u>Le le jiena ghax fir-realta' ma kinux dovuti dik is-somma kollha at that moment in time.</u>***[52]

……

*Qorti: Allura ghalfejn sar kuntratt ta' 35,000?*

*Xhud: Ghax is-Sur Cassar kien inkwetat u ghandu ragun jigifieri pero s-Sur Briffa ma riedtx ovvjament* ***la ma kienx ghadu gabar it-35,000*** *jew hallas it-35,000 kollha li jipoteka 35,000 meta filfatt ma kellux il-35,000.*[53]

---

[51] Fol.173

[52] Fol.174

Illi bix-xhieda tieghu l-imputat issigilla l-kaz ghall-prosekuzzjoni meta minbarra li l-ammont insinwat kien differenti minn dak maqbul bejn il-partijiet, liema ammont gie sahansitra citat bi kliem u figuri fil-kostituzzjoni tad-debitu li l-att ipotekarju jaghmel riefrenza ghalih, **l-imputat jametti huwa stess *ex admissis* dwar kemm kienu inveritjeri (i) l-ammont kif ridott u (ii) il-konsiderazzjoni li ghaliha tali ammont kien dovut. Jirrizulta li fl-att ipotekarju jiddikjara li d-debitu ta' Briffa kien jirraprezenta prezz ta' propjeta` mhallsa fuq konvenju meta fi kliemu u bl-ammissjoni tieghu stess jinsisti li l-ammont kawtelat kien biss ghall-appalt u kont ta' perit!!**

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, ma jibqa l-ebda ombra ta' dubbju li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad dettat mill-ligi f'dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni.

## It-Tielet Imputazzjoni: Dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea** meta iddistingwit bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

**"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin *"non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*.**

**Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi**

[53] Fol.175

**mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."** [54]

Illi il-konsiderazzjonijiet maghmula fir-rigward tat-tieni imputazzjoni isibu applikazzjoni anke fir-rigward tar-reat ravvizat bl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Mhemmx dubbju li b'ghemilu, meta konsapevolment irregistra ipoteka, fuq ammont u ghal konsiderazzjoni diversi minn dawk pattwiti, hu ghamel dikjarazzjoni falza lil awtorita pubblika, ir-Registru Pubbliku!

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib htija anke fuq din l-imputazzjoni. Madanakollu jidher li t-tielet imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni il-gravita` tal-kaz fejn professjonist bhal ma hu Nutar, li ghandu obbligi li jittutela l-ligi u jissalvagwardja d-drittijiet ta' persuni li jirrikorru lejn is-servizzji tieghu, jispicca biex jinganna u jippregudika propju lil min fdah biex jipproteggi l-interessi tieghu.

Aktar minn hekk il-ligi fdat fin-Nutar inkarigi u doveri li jiddependu u huma msejjsa fuq integrita`, onesta` u sincerita`; kwalitajiet mistennija f' persuna li tokkupa dik il-kariga. Att nutarili ghandu jibqa' jgawdi minn dak l-attribwit li jnissel f'ghajnejn l-awtoritajiet civili, u addirittura fil-pubbliku in generali, is-serhan il-mohh. B'atti simili mwettqa minghajr misthija u amor propju, fejn l-istima u r-rispett ghall-istess professjoni li darba kien jifforma minnha u laqatu fi hdana, jigu mwarrba, iwassal sabiex ingustament izda mhux irragonevolment iqanqal stmerija f'ghajnejn il-pubbliku anke lejn dawk in-nutara u professjonisti ohra li jaqdu d-doveri taghhom skond il-gurament li darba ntrabtu li jsegwu tul il-hajja professjonali taghhom!

Illi l-Qorti hadet konsiderazzjoni wkoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tal-fedina penali netta tal-imputat fiz-zmien li wettaq ir-reati lilu addebitati.

[54] Deciza 17 ta' Ottubru, 1997, per Onor. Imhallef Dr. Vincent Degaetano.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu 185(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tilliberah mill-ewwel akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, issibu hati tat-tieni akkuza u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikolu 190 tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**